**Ref: Seduta 32_7-05-08** V

## MINUTI TAL-WIEĦED U TLETIN SEDUTA

**It-tnejn u tletin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa 7 ta' Mejju, 2008** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Margaret Ann Azzopardi**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Luke Vella** |
| **Skużati:** | **Marianne Aquilina**<br>**Julian Galea** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-16:10 b'din l-agenda:

1. **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 31_16/04/08**
2. **Materji konnessi mal-minuti**
3. **Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv**
4. **Mistoqsijiet mil-kunsilliera**
5. **Approvazzjoni tal-pagamenti**
6. **Approvazzjoni tar-rapporti finanzjarji għas-sena April 2007 sa Marzu 2008**
7. **Affarijiet Oħra**



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

**1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 31_16/04/08**

L-approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 31_16/04/2008 ġew proposti mil-viċi sindku A. Bonello Dupuis u ssekondati mil-kunsillier L. Vella.

*Daħal il-kunsillier M. Briguglio daħal fl-16.15pm*

Il-minuti ġew approvati b'erba voti favur u żewġ astensjonijiet. Kien hemm approvazzjoni mil-kunsilliera preżenti, is-sindku M. Arrigo, il-kunsillier M. Briguglio. Il-kunsilliera M. Azzopardi u M. Debono astjenew minħabba li ma kienux preżenti fl-aħħar seduta.

**2. Materji konnessi mal-minuti**

2.1 Il-kunsillier M. Briguglio rrimarka dwar it-*tunnel* tal-MIDI fejn il-kunsill għandu jara li din tkun ta' sigurta' għal vetturi li se jgħaddu minnha, speċjalment meta l-kunsill kien qiegħed jipproponi li tal-linja u *heavy vehicles* jgħaddu minnhom.

*Daħal il-kunsillier N. Dimech fis-seduta fl-4.18pm*

**Bl-approvazzjoni tal-kunsill, is-seduta ġiet sospiża biex jiddiskutu *item* 6 ta' l-agenda.**

**6. Approvazzjoni tar-rapporti finanzjarji għas-sena April 2007 sa Marzu 2008.**

L-*accountant* tal-kunsill C. Vella ta' spjegazzjoni tar-rapport li kien diġa tqassam lill-kunsilliera ma' l-agenda.

*Ġiet skużata li titlaq mis-seduta l-kunsilliera M. Azzopardi fl-4.30pm*

Ir-rapport finanzjarju msemmi ġie propost mis-sindku M. Arrigo u ssekondat mil-kunsillier L. Vella. Kien hemm qbil unanimu mil-kunsilliera preżenti A. Bonello Dupuis, M. Briguglio, M. Debono u N. Dimech.

**3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**

3.1 Dwar l-*Urban Improvement Fund* il-kunsill qabel li għandu japplika għal fondi biex isir rapport dwar *Traffic Impact Assessment* jew rapport dwar *Strategic Environment Assessment* fuq tas-Sliema kollha, dan minħabba l-fatt li wara li l-kunsill kien iddeċieda li japplika għal proġett tax-Xatt, ġie infurmat li x-xatt se jiġi rranġat mill-Gvern Ċentrali.

3.2 Dwar il-proġett ta' l-*embellishment* ta' Triq Dingli (fejn it-tlett siġriet) il-kunsill irid japplika permezz ta' perit. Il-kunsill għandu jerġa jistaqsi lil A. Testaferrata de Noto ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport dwar it-talba għal *zebra crossing* li hija parti mill-imsemmi proġett propost.

3.3 Talba mill-iskola *Gaffiero Kung Fu* għal għajnuna biex ikunu jistgħu jtellgħu attivita`. Il-kunsill ma setax jilqa' din it-talba minħabba li ma taqax taħt ir-regolamenti finanzjarji.

3.4 Dwar ir-rapport tad-*Development Permit Application* bin-numru PA 07814/05 għal faċċata ta' l-iżvilupp ta' Triq Amery u Milner li kienet skedata, il-kunsill ma setax jappella minħabba li kienu għaddew it-tletin ġurnata mid-data li ħarġet l-approvazzjoni, apparti l-fatt li l-kunsill ma kellux informazzjoni dak il-ħin jekk kienx rikonoxxut mil-MEPA bħala *objector.*

3.5 Dwar it-talba mis-Socjeta' Muzikali San Girgor il-kunsill qabel ma' l-attivitajiet tas-27, 28 u d-29 ta' Ġunju, 2008, bil-kundizzjonijiet li jnaddfu wara l-attivita, li jżommu mal-ħin tal-ħdax kif ukoll li jkunu responsabbli għal ħsara li jistgħu jagħmlu fil-Ġnien Indipendenza. F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jinżammux ma' l-ewwel ġurnata, awtomatikament jaqa' il-permess għal ġranet l-oħra.

3.6 Il-kunsill ġie infurmat dwar il-laqgħa li kien hemm il-MEPA fit-28 ta' April, 2008 dwar il-*canopies* tal-ħwienet li għandhom jitneħħew mix-Xatt, Sliema u li se tittieħed l-azzjoni meħtieġa għal dawk li ma jneħħuhomx. Il-kunsill qabel ukoll li għandhom jitneħħew il-*planters* minħabba li huma perikolużi.

3.7 Il-kunsill qabel li għandu jibgħat il-proposti tas-Sur J. Morana lill-Awtorita` Dwar it-Trasport.

3.8 Il-kunsill ġie infurmat li se jerġa jsir it-tindif u ħasil addizzjonali tal-*promenade* fix-xhur tas-Sajf. Id-dipartiment tal-*public cleansing* informa li l-ħlas se jvarja ftit minħabba l-*cost of living* bħal ma ġara s-sena ta' qabel. L-Awtorita` tat-Turiżmu ta' Malta se terġa toffri l-għajnuna tagħha.

3.9 Dwar il-proposta tal-kunsill li Triq Ġorġ Borg Olivier issir *one way* għal Triq il-Kbira, Triq Amery issir *one-way* 'l-isfel u Triq il-Kbira ssir *one-way* minn Triq Dingli għal Triq Amery, il-kunsill irċieva korrispondenza mill-Awtorita` dwar it-Trasport. Din tgħid li biex il-proċess ikun jista jimxi, ikun hemm bżonn li jsiru arranġamenti mar-residenti, GRTU kif ukoll MHRA. Il-kunsill qabel li għandha ssir laqgħa pubblika mar-residenti ta' dawk l-inħawi, MHRA, GRTU u l-ADT nhar il-Ħamis 22 ta' Mejju, 2008 fil-5pm fl-uffiċċju tal-kunsill.

3.10 Il-kunsill qabel mat-talba tal-Leġjun ta' Marija biex isir pellegrinaġġ qasir fl-inħawi tax-Xatt ta' Tas-Sliema nhar il-5 ta' Lulju, 2008 fis-7.15pm.

3.11 Korrispondenza mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali biex nindikaw fejn jistgħu jitħawwlu s-siġar indiġeni Maltin. Il-kunsill għandu jissuġġerrixxi l-ġnien ta' Qui-si-Sana, filwaqt li jsaqsi lill-*Environmental Landscapes Consortium* biex jindikaw postijiet oħra addattati.

3.12 Dwar id-*Development Permit Application* bin-numru PA 761/05 dwar l-iżvilupp ta' *Exiles Sports Club*, il-kunsill qabel li għandu jikteb lill-MEPA permezz ta' l-avukat tal-kunsill minħabba l-fatt li ma kienx ġiex ikkonsultat kif kien talab u li fir-rapport tad-DPA m'hemmx informazzjoni korretta, li tista tiġi misinterpretata fejn tinftiehem li l-kunsill jaqbel mal-permess ta' dan l-iżvilupp, meta l-kunsill xtaq li jiġi kkonsultat qabel ma jkun jista jagħti l-kummenti tiegħu.

*Il-kunsillier L. Vella ħareġ mis-seduta fil-5.35pm*

*Il-kunsillier M. Briguglio ħareġ mis-seduta fil-5.38pm.*

3.13 Il-kunsill ġie infurmat bil-pjanta tal-proġett propost dwar il-Berġa kif se tiġi mqassma fil-bini tal-kunsill.

*Il-kunsilliera L. Vella u M. Briguglio daħlu lura fis-seduta fil-5.40pm*

3.14 Il-kunsill qabel mat-talba ta' Mari Van Rooy li jarma t-terramaxxka darbtejn f'ġimgħa matul is-Sajf fuq il-*promenade.*

3.15 Korrispondenza oħra mil-*Federazzjoni Klabbs tal-Bocci (Malta)* fejn ma kienux sodisfatti bir-risposta tal-kunsill li kien indikalhom il-post ta' Qui-si-sana. Il-kunsill għandu jerġa jikteb lill-assoċjazzjoni fejn jinfurmhom biċ-ċar li f'dan l-istadju, il-pożizzjoni tal-kunsill hija biss li ma jsibx oġġezzjoni, fejn ma jistax japplika u wisq inqas jiffinanzja dan il-proġett.

3.16 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għal punti li kienu ntqalu fil-laqgħa dwar il-parkeġġ riżervat għar-residenti li saret fl-24 ta' April, 2008, liema punti kienu tqassmu flimkien ma' l-agenda. Il-kunsill qabel li għandhom jintbagħtu dawn il-proposti 'Doc A' lill-Awtorita Dwar it-Trasport għall-approvazzjoni.

3.17 Dwar it-talba għal laqgħa mal-kunsill minn *Qui-si-sana and Tigne Residents Association*, il-kunsill qabel li jiltaqa' magħhom nhar il-Ħamis 22 ta' Mejju, 2008 fl-4pm fl-uffiċċju tal-kunsill.

*Il-kunsillier M. Debono ġie skużat li jitlaq mis-seduta fil-5.45pm.*

3.18 Dwar ir-*reserved parking bays* fix-Xatt ta' Tigne' il-kunsill qabel li għandu jibgħat ittra lil Audrey Testaferrata de Noto ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport.

3.19 Dwar l-ittra mill-għaqda tan-nar, tal-Festa Madonna tal-Karmnu l-kunsill qabel li jingħata l-permess għal attivita tan-nar li se tittella' fl-aħħar ġimgħa ta' Lulju. Madankollu l-kunsill ma qabilx mat-talba tagħhom għall-għajnuna finanzjarja minħabba l-kunsill ikun diġa alloka ammont ta' flus lill-baned/parroċċi għall-attivitajiet tal-festa li jsiru bil-kollaborazzjoni tal-kunsill. Min-naħa l-oħra l-kunsill legalment ma' setax jilqa' t-talba tagħhom li ma jingħatawx permessi lil *kiosks* oħra waqt l-attivita` tagħhom.

3.20 Korrispondenza mingħand is-Sur Simon Camilleri fejn qal li ġie nfurmat li *Cicco bar* u *Qui si sana dolceria* se joħorġu l-imwejjed u s-siġġijiet, il-kunsill qabel li malli jkun jaf li dawn għamlu l-applikazzjoni tagħhom, għandu jiddiskuti f'seduta tal-kunsill li jkun imiss.

3.21 Talba oħra mill-*Faces Displays Ltd* sabiex il-ħlas li kellu jsir min-naħa tal-kunsill dwar it-tneħħija tal-*bus shelters* l-antiki, jiġi dovut lilhom. Il-kunsill qabel li għandu jeħles l-pagament minħabba li r-raġuni li kienet qegħda żżomm dan iċ-ċekk kienet dwar il-post li tpoġġa l-*bus shelter* tax-Xatt. Fuq dan il-punt ġie mfakkar li l-kunsill kien applika wkoll għal *bus shelter* f'Għar id-Dud.

**4 Mistoqsijiet mil-kunsilliera**

4.1 Il-kunsillier L. Vella fakkar li l-*coin boxes* tas-*Shigo Teletwist* li ma jiffunzjonawx kellhom jitneħħew. Is-segretarju eżekuttiv wieġeb li l-avukat tal-kunsill kellu jibgħat l-ittra.

4.2 Il-viċi sindku rrimarka dwar il-fatt li t-trinka li kienet saret minn *Tal-Magħtab Construction Ltd* fi Triq il-Kbira għadu ma sarx *reinstatement* liema *reinstatement* kien imniżżel fil-kundizzjoni tal-kunsill. Is-sindku M. Arrigo irrimarkat li għandha anke korrispondenza mal-Prim Ministru dwar dan is-suġġett fejn għandha informazzjoni li din kellha ssir. Il-kunsill irrimarka li għad hemm il-problema fi Triq il-Kbira minħabba l-wisgħa

tal-bankina. Il-kunsill qabel li din għandha tkun storja għaliha u għandu jikteb lil *Tal-Magħtab Construction Ltd* permezz ta' l-avukat, fejn ninfurmahom li l-kunsill kien ħareġ il-permess għat-trinka bil-kundizzjoni li terġa ssir kif kienet. Ninfurmawh ukoll li x-xogħlijiet għandhom issiru taħt ir-responsabbillta` tagħhom. Il-perit tal-kunsill kien qal verbalment li l-aħjar li x-xogħlijiet isiru mil-kuntrattur. Il-kunsill għandu jitlob dan bil-miktub, lill-perit A. Bezzina. Ġie nnotat li hemm informazzjoni li l-istima tax-xogħlijiet meħtieġa għall-irranġar tal-kappella tal-ħsara kkawżata minn Tal-*Magħtab Construction Ltd* imqabbda minn *AX Holdings Ltd*, hija lesta pero x-xogħlijiet fil-kappella għadhom ma bdewx. Il-kunsill qabel li għandu jikteb lill-Kurja dwar dan.

4.3 Il-kunsillier M. Briguglio rrimarka dwar *bus route* numru 61 li m'hiex tgħaddi skond il-ħinijiet li hemm indikati fuq il-*bus stops*. Is-sindku kienet diġa staqsiet rappreżentant mill-Awtorita tat-Trasport Pubbliku. Il-kunsill qabel li għandu jikteb lill-ATP, ADT kif ukoll il-Ministru A. Gatt dwar dan.

4.4 Il-kunsillier M. Briguglio rrimarka dwar il-*bus route 63*. Il-kunsill qabel li malli tinfetaħ it-*tunnel*, għandu jiċċekkja jekk hiex tgħaddi minn hemm.

4.5 Il-kunsillier L. Vella ġibed l-attenzjoni li diġa mar il-kulur ta' ftit mil-*canopies* tal-Ġnien Indipendenza. Il-kunsill ġie infurmat li kien hemm xi problema biż-żebgħa tagħhom u dawn se jiġu rranġati.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

Il-kunsillier L. Vella ppropona filwaqt li s-sindku M. Arrigo ssekondat li l-pagamenti ta' din is-seduta, minn ċekk numru 9446 sa 9494 jiġu approvati. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni tal-pagamenti mill-membri preżenti, il-viċi sindku A. Bonello Dupuis u l-kunsilliera M. Briguglio u N. Dimech.

**7. Affarijiet Oħra**

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

Is-seduta ntemmet fis-6.30pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 18 ta' Ġunju, 2008 fl-4pm.

**Marina Arrigo**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**